

MT



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

# 2014

## L-awditu tal-UE fil-qosor

Introduzzjoni għar-Rapporti Annwali 2014  
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA  
YouTube: EUAuditorsECA  
Facebook: European Court of Auditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print	ISBN 978-92-872-2908-3	doi:10.2865/992146	QJ-04-15-619-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-2917-5	doi:10.2865/51306	QJ-04-15-619-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-2938-0	doi:10.2865/773517	QJ-04-15-619-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tar-ritratt li ġej, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtu:

© L-Unjoni Ewropea, 2015 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratt: Nikolay Doychinov, p. 21 lemin.

Għar-ritratti li ġejjin, riproduzzjoni hija awtorizzata dment li jissemmew id-detentur tad-drittijiet tal-awtur, is-sors u l-isem tal-fotografi (fejn indikat):

© L-Unjoni Ewropea, 2015 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratti: Etienne Ansotte, p. 18; Cristof Echard, p. 22; Nikolay Doychinov, p. 33; KC Ortiz, p. 40; Georges Boulougouris, p. 42.

© L-Unjoni Ewropea, 2015 / Sors: Il-PE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratt: Andreas Hillergren, p. 38.

© L-Unjoni Ewropea, 2015 / Sors: Il-QEA, p. 2, p. 4, p. 24, p. 36, p. 47.

© L-Unjoni Ewropea, 2014 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratti: Raigo Pajula, p. 17; Patricia De Melo Moreira, p. 26.

© L-Unjoni Ewropea, 2013 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratti: Jonathan Nackstrand, p. 29; Daniel Reinhardt, p. 31.

© L-Unjoni Ewropea, 2012 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratti: Robin Utrecht, p. 11; Rodger Bosch, p. 15; Jennifer Jacquemart, p. 32.

© L-Unjoni Ewropea, 2011 / Sors: Il-KE - Servizz Awdjoviżiv / Ritratt: Etienne Ansotte, p. 21 xellug.

Printed in Luxembourg

**MT**

**2014**

**L-awditu tal-UE fil-qosor**

**Introduzzjoni għar-Rapporti Annwali 2014  
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**



Dan id-dokument, l-awditu tal-UE fil-qosor għall-2014, jagħti sommarju ta' u jispjega l-kontenut tar-rapporti annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2014 u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

Fir-rapporti aħna nipprovdu aċċertament dwar kif il-fondi tal-UE jkunu ntużaw matul is-sena, u niġbdu l-attenzjoni għal oqsma fejn huma kienu l-aktar f'riskju li jintnefqu b'mod irregolari. Aħna nanalizzaw ukoll għalfejn iseħħu l-iżbalji u nipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja. L-għan prinċipali tagħna huwa li nassistu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-iskrutinju tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza għall-baġit tal-UE.

Is-sena finanzjarja 2014 kienet l-ewwel sena tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–20 tal-UE. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-infiq tal-UE fl-2014 kienet ipplanata matul l-2007–13. Għalhekk, kif għandu jkun mistenni, ir-rapport tagħna jiġbed l-attenzjoni għal kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja li huma simili għal dawk tas-snin preċedenti.

Għal ħafna snin issa, aħna identifikajna livelli ta' żball li huma persistentement għolja fl-infiq tal-UE. Għalhekk, aħna niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li hemm lok li jsir użu aħjar mill-informazzjoni disponibbli u użu sħiħ mis-setgħat korrettivi biex l-iżbalji jitnaqqsu aktar u biex jiġu rkuprati aktar mill-fondi li jkunu ntefqu ħażin.

Naturalment, jeħtieġ li l-UE tistinka dejjem biex tagħmel aktar b'dak li għandha diġà stabbilit. Għalhekk, aħna sostnejna li l-fokus għandu jkun aktar fuq il-prestazzjoni meta jkunu qed jintnefqu flus l-UE matul il-perjodu attwali.

Il-QEA tqis ukoll li dawk li jfasslu l-politika tal-UE jeħtieġu jiżviluppaw approċċ kompletament ġdid għall-ġestjoni tal-infiq tal-UE u l-investment għall-futur. L-analiżi li jmiss ta' nofs it-terminu, tal-programm għall-ippjanar finanzjarju tal-UE, toffri opportunità biex jitqies kif ikun l-aħjar mod li jitnaqqsu l-iżbalji kif ukoll tittejjeb il-prestazzjoni kumplessiva tal-baġit tal-UE.

Sadanittant, niġbdu wkoll l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jittrattaw xogħlijiet finanzjarji b'lura li akkumulaw. F'xi Stati Membri, it-total li għadu ma ġiex ikklejmat mill-fondi tal-UE jirrappreżenta porzjon sinifikanti tal-infiq annwali tal-gvernijiet tagħhom.

Jekk l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jridu jiksbu l-potenzjal sħiħ tal-Baġit tal-UE biex jinvestu fil-futur tal-Ewropa, jeħtieġ li jagħmlu sforz flimkien, bi ftehim, biex itejbu l-effettività tiegħu. Dan ifisser titjib fil-potenzjal tal-Baġit tal-UE biex jinvesti fil-futur tal-Ewropa billi jitnaqqsu l-iżbalji, jitħallsu klejms korretti aktar malajr, isir investment fi proġetti li jaqblu mal-oġettivi tal-Unjoni, u jitkejlu r-redditi fuq dawk l-investimenti biex jiġi żgurat li dawn iwasslu u jżidu l-valur.

Iċ-ċittadini għandhom dritt li jkunu jafu l-istatus ta' dawk l-investimenti u x'prestazzjoni kellhom. Il-QEA hija impenjata li taqdi rwol importanti biex tiżgura li l-fondi tal-UE jiġu investiti fis-sod u li jkollhom prestazzjoni tajba, filwaqt li tagħti twissija meta dawn ikunu jinsabu f'riskju u parir dwar kif tittejjeb il-prestazzjoni tagħhom.

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA  
President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

## Paġna

04	<b>Riżultati kumplessivi</b>
04	<b>Sejbiet u messaġġi ewlenin</b>
06	<b>X'awditjajna</b>
08	<b>X'sibna</b>
08	<b>Il-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta</b>
08	<b>Il-livell ta' żball stmat jibqa' persistentement ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %</b>
15	<b>L-infiq fir-rimborż kien dak l-aktar milqut minn żball</b>
17	<b>L-azzjoni korrettiva naqqset b'mod sinifikanti l-livell ta' żball stmat</b>
18	<b>Lok għal aktar titjib fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-riskju u l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi</b>
19	<b>Livell għoli ta' klejms u pagamenti potenzjali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013</b>
20	<b>Ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni għadu dgħajjed</b>
24	<b>Ħarsa aktar mill-qrib lejn id-dħul u l-oqsma ta' nfiq</b>
25	<b>Dħul</b>
27	<b>Kompetittività għat-<i>tkabbir</i> u l-impjiegi</b>
30	<b>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</b>
34	<b>Riżorsi naturali</b>
39	<b>Ewropa Globali</b>
41	<b>Amministrazzjoni</b>
43	<b>Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ)</b>
45	<b>Informazzjoni ta' sfond</b>
45	<b>Daqqa t'għajn lejn l-approċċ tal-awditjar</b>
47	<b>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u xogħolha</b>

## Sejbiet u messaġġi ewlenin

### Sommarju tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2014

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tagħti **opinjoni nadifa** dwar l-affidabbiltà tal-**kontijiet għall-2014** tal-Unjoni Ewropea.

Id-**dħul** għall-2014, meħud fl-intier tiegħu, huwa **legali u regolari**.

Il-**pagamenti** għall-2014 huma materjalment milquta minn żball. Għalhekk qed nagħtu **opinjoni avversa** dwar il-legalità u r-regolarità tagħhom.

*Għat-test sħiħ tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2014.*



- Il-kontinjenzi tal-UE għall-2014 tnejn b'mod korrett skont l-istandards internazzjonali u jippreżentaw **stampa vera u ġusta**. Għalhekk aħna stajna, għal darb'oħra, nagħtu opinjoni nadifa dwar l-affidabbiltà tagħhom. Madankollu, aħna tajna opinjoni avversa dwar ir-regolarità tal-pagamenti.
- Il-**livell ta' żball stmat**, li jkejjel il-livell ta' irregolarità, għal pagamenti għall-2014 huwa 4.4 %, li huwa qrib għal dak tal-2013 (4.5 %), u persistentement oġġla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %.
- Aħna sibna l-**istess livell ta' żball stmat** (4.6 %), taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri u għal infig immaniġġjat b'mod dirett mill-Kummissjoni. L-oġġla livelli ta' żball instabu fl-infig taħt "koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (5.7 %) u għal "kompetittività għat-tekabbir u l-impjegi" (5.6 %). In-nefqa amministrattiva kellha l-livell l-aktar baxx ta' żball stmat (0.5 %).
- Hemm relazzjoni ċara bejn it-tipi ta' nfig u l-livelli ta' żball. Il-livell ta' żball stmat minna għal **skemi ta' rimborż tal-ispejjeż** (5.5 %), fejn l-UE tirrimborża spejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli abbażi ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż magħmula mill-benefiċjarji, huwa d-doppju ta' dak għal programmi relatati ma' drittijiet (2.7 %), fejn il-pagamenti jsiru wara l-issodisfar ta' kundizzjonijiet aktar milli wara r-rimborż tal-ispejjeż.
- **L-azzjoni korrettiva** mill-awtoritajiet fl-Istati Membri u mill-Kummissjoni kellha impatt pożittiv fuq il-livell ta' żball stmat. Mingħajr din l-azzjoni, il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna kien ikun 5.5 %. Hemm aktar lok biex il-Kummissjoni ittejjeb il-valutazzjoni tagħha tar-riskju u l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi.
- Li kieku l-Kummissjoni, l-awtoritajiet fl-Istati Membri jew l-awdituri indipendenti kienu għamli użu mill-informazzjoni kollha disponibbli għalihom, kienu jkunu jistgħu **jipprevienu, jew jaqdbu u jikkoreġu** proporzjon sinifikanti tal-iżbalji qabel ma dawn isiru.
- **L-ammonti li għandhom jitħallsu fis-snin attwali u futuri** jibqgħu f'livell għoli ħafna. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiegħu miżuri biex tittratta din il-problema persistenti. Għal xi Stati Membri x-xogħol b'lura fir-rigward ta' fondi mhux użati jirrappreżenta sehem sinifikanti tal-infig kumplessiv tal-gvernijiet.
- Il-perjodi tal-istrateġija **Ewropa 2020** fuq 10 snin u ċ-ċikli baġitarji tal-UE fuq 7 snin (2007–2013 u 2014–2020) mhumiex allinjati. L-Istati Membri ma jagħtux attenzjoni adegwata għall-kisbiet tal-Ewropa 2020 fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi. Iż-żewġ kwistjonijiet jillimitaw l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta dwar il-**prestazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE** għal Ewropa 2020.
- L-analiżi li jmiss ta' nofs it-terminu, tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, hija punt ewlieni fil-ġestjoni tal-infig tal-UE. Huwa importanti li l-Kummissjoni **tanalizza** mill-aktar fis possibbli **l-oqsma fejn hemm livelli persistentement għolja ta' żball** u tivvaluta opportunitajiet biex dawn jtnaqqsu filwaqt li ssaħħaħ l-attenzjoni fuq kif l-infig qed jintuża.

## X'awditjajna

### Baġit tal-UE

**L-infiq tal-UE huwa strument sinifikanti għall-ilħuq tal-oġettivi ta' politika.** Kull sena aħna nawditjaw id-dħul u l-infiq tal-baġit tal-UE u nagħtu l-opinjoni tagħna dwar il-punt sa fejn il-kontijiet annwali huma affidabbli u sa fejn it-tranżazzjonijiet tal-introjt u tal-infiq jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.

L-infiq ammonta għal total ta' **EUR 142.5 biljun** fl-2014, jew madwar EUR 285 għal kull ċittadin. Dan irrappreżenta **kważi 2 fil-mija tal-infiq ġenerali totali tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE.**

Il-baġit tal-UE jiġi maqbul kull sena – fi ħdan il-kuntest ta' oqfsa finanzjarji ta' seba' snin – mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura li l-baġit jintnefaq sew. Madwar 76 % tal-baġit jintnefaq taħt dik li hija magħrufa bħala **"għestjoni kondiviża"**, fejn l-Istati Membri individwali jiddistribwixxu l-fondi u jimmaniġġjaw l-infiq skont il-liġi tal-UE (pereżempju, fil-każ tal-infiq fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-infiq fuq ir-riżorsi naturali).

### Minn fejn jiġu l-flus?


Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat b'diversi mezzi. L-akbar proporzjon jitħallas mill-Istati Membri bbażat fuq l-introjt nazzjonali gross tagħhom (EUR 94.9 biljun). Sorsi oħra jinkludu pagamenti mill-Istati Membri bbażat fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud li huma jiġbru (EUR 17.7 biljun), kif ukoll ta' dazji doganali u agrikoli (EUR 16.4 biljun).

### Fuq xiex jintnefqu l-flus?

(Il-baġit annwali tal-UE jintnefaq fuq firxa wiesgħa ta' oqsma (ara d-*Dijagramma 1*). Il-pagamenti jsiru biex jappoġġaw attivitajiet li jistgħu jkunu varjati, bħall-biedja u l-iżvilupp ta' oqsma rurali u urbani, proġetti ta' infrastruttura tat-trasport, riċerka, taħriġ għal nies mingħajr impjeg, appoġġ lil pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE, jew għajnuna lil pajjiżi ġirien u lil pajjiżi li qed jiżviluppaw.

## Dijagramma 1

### Total tal-infiq tal-UE għall-2014 (EUR 142.5 biljun)



L-infiq tal-UE jista' jkun ikkaratterizzat minn żewġ tipi ta' programmi ta' nfiq li jinvolve xejriet distinti ta' riskju:

- **Programmi relatati ma' drittijiet**, bil-pagament ibbażat fuq l-issodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet, pereżempju boroż ta' studju għall-istudenti u għar-riċerka (taħt l-infiq għal kompetittività), għajnuna diretta għall-bdiewa (taħt riżorsi naturali), appoġġ baġitarju dirett (taħt Ewropa Globali), jew salarji u pensjonijiet (taħt amministrazzjoni).
- **Skemi ta' rimborż tal-ispejjeż**, fejn l-UE tirrimborża spejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli. Skemi bħal dawn jinkludu, pereżempju, proġetti ta' riċerka (taħt l-infiq għal kompetittività), skemi ta' investment fl-iżvilupp reġjonali u l-iżvilupp rurali (koperti bl-infiq taħt koeżjoni u riżorsi naturali), skemi ta' taħriġ (taħt koeżjoni) u proġetti ta' żvilupp (taħt Ewropa Globali).

## X'sibna

### Il-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta

Il-kontijiet tal-UE għall-2014 tnejn b'mod korrett skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku, u jippreżentaw stampa vera u ġusta tar-riżultati finanzjarji tal-UE għas-sena u tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħha fi tmiem is-sena. Għalhekk aħna stajna nagħtu opinjoni nadifa dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet (iċċertifikati minna), kif għamilna mill-2007 'l hawn.


### Il-livell ta' żball stmat jibqa' persistentement ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %

Element ewlieni tax-xogħol tal-awditjar tagħna huwa **l-ittestjar ta' kampjuni** ta' tranżazzjonijiet mill-baġit kollu tal-UE biex jiġu pprovduti stimi rigorużi u mhux preġudikati dwar il-punt sa fejn id-dħul u l-oqsma differenti ta' nfiq huma milquta minn żball.

Id-**Dijagramma 2** tagħti sommarju tar-riżultati għall-2014. Għal aktar informazzjoni dwar l-approċċ tal-awditjar tagħna u l-livell ta' żball stmat ara l-paġni 45 u 46.

## Dijagramma 2

### Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-2014 għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu



Il-livell ta' żball stmat huwa bbażat fuq l-iżbalji kwantifikabbli misjuba fil-kampjun statistiku ta' tranżazzjonijiet li ttestjajna.

Għall-2014, aħna nikkonkludu li **d-dħul kien ħieles minn żball materjali**.


Għall-baġit tal-infiq fl-intier tiegħu, **il-livell ta' żball stmat minna ta' 4.4 %** jwassalna biex nipprovdu opinjoni avversa dwar ir-regolarità tal-infiq (għal spjegazzjoni dwar "regolarità" jekk jogħġbok irreferi għall-paġna 46).

L-ittestjar jipprovdi wkoll riżultati għal kull qasam ta' nfiq kif ippreżentat fid-*Dijagramma 3*.

Aktar informazzjoni dwar ir-riżultati fid-dħul u f'kull qasam ta' nfiq tingħata fil-paġni 25 sa 44, u fil-kapitoli relatati tar-Rapport Annwali 2014.

## Dijagramma 3

### Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-2014 għall-oqsma ta' nfiq tal-UE



% Il-livell ta' żball stmat huwa bbażat fuq l-iżbalji kwantifikabbli minn xogħolna, notevolment l-ittestjar ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet. Aħna nużaw tekniki standard tal-istatistika biex nieħdu dan il-kampjun u biex nistmaw il-livell ta' żball (ara l-Kapitolu 1, l-Anness 1.1 għar-Rapport Annwali).

\* Aħna ma nipprovdux valutazzjoni speċifika jew kapitolu separat għall-infiq taħt l-Intestatura 3 tal-QFP (Sigurtà u ċittadinanza) u l-Intestatura 6 tal-QFP (Kumpensi), u lanqas għal infiq ieħor (strumenti speċjali barra l-QFP 2014–20 bħar-Riżerva għal Għajjuna f'Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Istrument ta' flessibilità). Madankollu, ix-xogħol f'dawn l-oqsma jikkontribwixxi għall-konklużjoni kumplessiva tagħna dwar l-infiq għas-sena 2014.


\*\* Id-differenza fl-ammonti fid-Dijagrammi 1 u 3 tirriżulta minħabba li aħna neżaminaw tranżazzjonijiet ta' pagamenti meta l-infiq ikun iġġarrab, ikun ġie rreġistrat u jkun ġie aċċettat. Pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati biss meta r-riċevituri tal-fondi jiġġustifikaw l-użu tagħhom tal-flus, u l-pagament jiġi approvat jew isir irkuprabli.

## Analiżi tar-riżultati tal-awditjar

Il-livell ta' żball stmat, li jkejjel il-livell ta' irregolarità fit-tranżazzjonijiet, għal pagamenti fl-2014 huwa 4.4 %, li huwa qrib għal dak tal-2013 (4.5 %) u dak tal-2012 (4.5 %). Huwa jibqa' persistentement ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %. (ara d-*Dijagramma 4*).

### Dijagramma 4

#### Livell ta' żball stmat għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu (2012 sa 2014)



#### Noti:

Aħna nużaw tekniki standard tal-istatistika biex nistmaw il-livell ta' żball. Aħna ninsabu 95 % fiduċju li l-livell ta' żball għall-popolazzjoni tinsab fil-firxa bejn il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball (għal aktar dettalji, ara l-Kapitolu 1, l-Anness 1 tar-Rapport Annwali 2014).

Il-livelli ta' żball stmati għall-2012 u l-2013 ġew aġġustati bl-użu tal-approċċ aġġornat tagħna għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji serji fl-akkwist pubbliku.

### Aġġornar tal-approċċ tal-awditjar tagħna: impatt fuq ir-riżultati tal-2013 u l-2012

Fir-Rapporti Annwali 2013 u 2012, aħna konna rrapportajna livell ta' żball stmat ta' 4.7 % u 4.8 % rispettivament għall-baġit tal-UE fl-intier tiegħu. Il-livelli kumparabbli ta' żball stmati għall-2013 u l-2012, ippreżentati fir-Rapport Annwali 2014 huma aktar baxxi b'0.2 u 0.3 punti perċentwali minħabba li aġġornajna l-mod kif nikkwantifikaw **ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku**. B'mod partikolari introduċejna approċċ proporzjonali għall-kalkolu ta' żbalji relatati mal-modifiki ta' kuntratti. Dan l-aġġustament ma għandu l-ebda impatt fuq il-konklużjonijiet li wasalna għalihom, jew fuq is-sustanza tas-sejbiet kumplessivi tagħna, f'ebda waħda minn dawn is-sentejn. Il-livell ta' żball jibqa' materjali b'mod ċar.




## Żbalji, ħela u frodi

L-istima tagħna tal-livell ta' żball mhijiex kejl ta' frodi, ineffiċjenza jew ħela. Hija stima tal-flus li ma kienx imiss-hom tħallsu minħabba li ma ntużawx skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli. Żbalji tipiċi jinkludu pagamenti għal infiq li kien ineliġibbli jew għal xirjiet mingħajr l-applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

Il-frodi hija att ta' qerq deliberat biex jinkiseb benefiċċju. Aħna nirrappurtaw każijiet ta' frodi suspettata li jkunu nqabdu matul ix-xogħol tal-awditjar tagħna lill-**OLAF**, l-uffiċċju tal-Unjoni Ewropea kontra l-frodi, li jinvestiga u jagħmel segwitu kif meħtieġ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet fl-Istati Membri. Minn madwar 1 200 tranżazzjoni li aħna vvalutajna għal-legalità u r-regolarità matul l-awditu għall-2014, sibna 22 każ ta' frodi suspettata (2013: 14) li għaddejna lill-OLAF. Il-każijiet l-aktar frekwenti ta' frodi suspettata kienu jikkonċernaw dikjarazzjonijiet ta' spejjeż li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà, segwiti minn każijiet ta' kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħra fl-akkwist kif ukoll il-ħolqien artifiċjali ta' kundizzjonijiet biex ikun hemm eliġibbiltà għall-kisba ta' sussidju. Matul is-sena, ikollna wkoll każijiet ta' frodi suspettata li jirriżultaw minn xogħol mhux relatat mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

Id-*Dijagramma 5* tqabbel il-livelli ta' żball stmati, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-intestaturi għad-diversi oqsma ta' nfiq taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid. *B'mod kumplessiv, żidiet fil-livell ta' żball stmat għal kompetitività għat-tkabbir u l-impjiegi; koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; u Ewropa Globali tpaċew minn tnaqqis sinifikanti f'riżorsi naturali u amministrazzjoni.*

**Dijagramma 5** Tqabbil bejn il-livelli ta' żball stmati għall-oqsma ta' nfiq tal-UE (2013 u 2014)



% Il-livell ta' żball stmat huwa bbażat fuq l-iżbalji kwantifikabbli misjuba fil-kampjun ta' tranżazzjonijiet. Aħna nużaw tekniki standard tal-istatistika biex nieħdu dan il-kampjun u biex nistmaw il-livell ta' żball (ara l-Kapitolu 1, l-Anness 1.1 għar-Rapport Annwali 2014).

\* Il-livelli ta' żball stmati għall-2013 ġew aġġustati biex ikun jista' jsir tqabbil mal-intestaturi l-ġodda tal-QFP, u abbażi tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji serji fl-akkwist pubbliku.


Il-livell ta' żball stmat għall-infiq fuq *kompetittività għat-*tkabbir* u l-impjiegi* huwa sinifikattivament ogħla fl-2014 (5.6 %) milli għall-infiq kumparabbli fl-2013 (4.0 %). Il-biċċa l-kbira mill-infiq issir fuq bażi ta' rimborż tal-ispejjeż. L-iżbalji maqbuda jirriflettu kategoriji differenti ta' nfiq ineliġibbli (notevolment, persunal, spejjeż diretti oħra u spejjeż indiretti).

Il-livell ta' żball stmat għall-2014 għal *koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali* (5.7 %) hija magħmula minn livell ta' żball stmat ta' 6.1 % għall-infiq taħt il-politika reġjonali u urbana u livell ta' żball stmat ta' 3.7 % fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali. Kważi l-infiq kollu f'dan il-qasam jieħu l-forma ta' rimborżi ta' spejjeż u l-kawżi prinċipali ta' żball huma ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku (kważi nofs il-livell ta' żball stmat), u spejjeż ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-infiq (aktar minn kwart tal-livell ta' żball stmat).

Fid-**Dijagramma 6** aħna nanalizzaw il-kontribut ta' oqsma speċifiċi ta' nfiq skont l-intestatura tal-QFP għal-livell kumplessiv ta' żball stmat. L-infiq għall-*politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali* huwa t-tieni l-akbar fil-baġit tal-UE u għandu l-ogħla livell ta' żball stmat. Dan jagħmlu l-akbar kontributor għal-livell kumplessiv ta' żball stmat (daqs nofs it-total). *Riżorsi naturali* għandu l-akbar sehem mill-baġit tal-UE u wkoll jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal-livell kumplessiv ta' żball stmat minħabba l-livell għoli ta' żball stmat tiegħu għall-2014 (daqs terz tat-total).

**Dijagramma 6**

## Ripartizzjoni tal-livell kumplessiv ta' żball stmat skont il-qasam ta' nfiq u t-tip ta' żball (2014)




% Porzjon tal-livell kumplessiv ta' żball stmat, espress f'punti perċentwali.

L-infiq li ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi ddebitat għal proġetti ffinanzjati mill-UE jkompli jagħmel l-akbar kontribut għal-livell kumplessiv ta' żball stmat (*spejjeż ineliġibbli inklużi fil-klejms għall-ispejjeż*: 41 % tal-livell kumplessiv ta' żball stmat). *Żbalji serji fl-akkwist pubbliku* kien it-tieni l-akbar kontributor għal-livell ta' żball fl-2014: 27 % tal-livell kumplessiv ta' żball stmat. Barra minn hekk, meta mqabbla mas-sena preċedenti, żbalji minħabba *proġetti / attivitajiet jew benefiċjarji ineliġibbli* kkontribwew sinifikattivament inqas fl-2014 għal-livell kumplessiv ta' żball stmat milli għamlu fl-2013. (ara d-*Dijagramma 7*)

Dijagramma 7

Tqabbil tat-tipi ta' żbalji u l-kontribut tagħhom għal-livell kumplessiv ta' żball stmat (2013 u 2014)



% Porzjon tal-livell kumplessiv ta' żball stmat, espress f'punti perċentwali.

\* Il-livelli ta' żball stmati għall-2013 ġew aġġustati biex ikun jista' jsir tqabbil u abbażi tal-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji serji fl-akkwist pubbliku.

Għan-nefqa operazzjonali, il-livell ta' żball stmat minna huwa l-istess (4.6 %) għal infiq taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri (2013: 4.9 %) u għal forom oħra ta' nfiq operazzjonali fejn il-Kummissjoni għandha rwol ewlieni (2013: 3.7 %).

In-nefqa amministrattiva kienet ħielsa minn żball materjali, b'livell ta' żball stmat ta' 0.5 % fl-2014 (2013: 1.0 %).

Dan it-tqabbil ta' sena wara sena huwa bbażat fuq ċifri li ġew ikkalkulati bl-applikazzjoni tal-approċċ aġġornat tagħna għal żbalji tal-akkwist (ara l-**kaxxa** fuq il-paġna 10).

## L-infiq fir-rimborż kien dak l-aktar milqut minn żball

Il-kalkolu korrett ta' pagamenti li jsiru lir-riċevituri tal-finanzjament spiss jiddependi minn informazzjoni pprovduta mir-riċevituri nfushom. Dan huwa speċjalment sinifikanti fil-qasam ta' attivitajiet ta' rimborż.


L-infiq tal-UE skont it-tip ta' nfiq tal-programm jinkludi l-iżbalji li ġejjin:

- **Għal infiq fir-rimborż**, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5.5 % (2013: 5.6 %). Żbalji tipiċi f'dan il-qasam jinkludu spejjeż ineliġibbli li jinsabu fil-klejms għall-ispejjeż, proġetti, attivitajiet u beneficijarji ineliġibbli, u ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku.
- **Għal programmi relatati ma' drittijiet**, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 2.7 % (2013: 3.0 %), bi żbalji tipiċi li jinkludu dikjarazzjonijiet eċċessivi ta' erjas agrikoli mill-bdiewa u żbalji amministrattivi li jaffettwaw il-pagamenti lill-bdiewa.



Id-**Dijagramma 8**, ibbażata fuq l-ittestjar tal-awditjar tagħna tal-infiq tal-UE matul l-aħħar sentejn, turi l-valutazzjoni tagħna tal-profilu differenti tar-riskju skont it-tip ta' tranżazzjoni kif ukoll skont il-livelli ta' żball stmata. Hija bbażata kemm fuq elementi ta' ġudizzju professjonali (valutazzjoni tal-impatt tas-sistemi u tar-riskji relatati mat-tip ta' tranżazzjoni) kif ukoll fuq elementi empiriċi (livelli ta' żball fuq perjodu ta' sentejn).

**Dijagramma 8** Ir-relazzjoni bejn it-tip ta' tranżazzjoni, ir-riskju, u l-livell ta' żball stmata fit-tranżazzjonijiet tal-UE (2013–14)



Spjegazzjoni:

- Il-flussi ta' pagamenti huma miġbura flimkien skont in-natura tagħhom.
- Il-lewn taċ-ċrieki jindika jekk l-infiq huwiex ibbażat fuq rimborż jew fuq dritt.
- Id-daqs taċ-ċrieki jirrappreżenta l-ponderazzjoni taħhom fl-infiq kumplessiv.
- Il-pożizzjoni taċ-ċrieki fuq il-linja ta' 45° tindika l-livelli relattivi ta' żbalji stmata.
- Ir-rimborżi għall-Ewropa Globali jinkludu proġetti b'multidonaturi li, fil-prattika, jistgħu jkollhom ħafna mill-attributi ta' nfiq relatat mad-drittijiet u huma milquta minn livelli aktar baxxi ta' żball.
- Il-Kummissjoni tistabbilixxi li r-riċevituri għandhom dritt għal appoġġ baġitarju qabel ma jsir il-pagament.

## L-azzjoni korrettiva naqqset b'mod sinifikanti l-livell ta' żball stmat

L-Istati Membri u l-Kummissjoni japplikaw **miżuri korrettivi** f'każijiet ta' nfiq irregolari u meta żbalji f'pagamenti ma jkunux inqas aktar kmieni fil-proċess. Il-mekkaniżmi applikati għat-teħid u r-reġistrazzjoni ta' azzjoni korrettiva huma kumplessi. Aħna nfittxu li nieħdu kont ta' dawn il-miżuri fir-riżultati tal-awditi tagħna meta dawn isiru qabel il-pagament jew qabel l-eżaminar tagħna. Aħna niċċekkjaw l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet (pereżempju, irkupri mill-benefiċjarji u korrezzjonijiet fil-livell tal-proġetti) u naġġustaw il-kwantifikazzjoni ta' żball kull meta dan ikun xieraq. Filwaqt li aħna nieħdu nota ta' korrezzjonijiet li saru wara n-notifika tal-awditi tagħna, ma nassumux li azzjoni korrettiva stimolata minn xogħolna hija rappreżentattiva tal-popolazzjoni fl-intier tagħha.

Fl-2014, li kieku ma kinux ġew applikati miżuri korrettivi ta' dan it-tip għall-pagamenti li aħna awditajna, il-livell kumplessiv ta' żball stmat minna kien ikun 5,5 % minflok 4,4 %.

Madankollu, aħna sibna wkoll li għal xi tranżazzjonijiet milquta minn żball, li kieku l-Kummissjoni, l-awtoritajiet fl-Istati Membri jew l-awdituri indipendenti kienu għamlu użu mill-informazzjoni kollha disponibbli għalihom, kienu jkunu jistgħu jipprevienu, jew jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jsiru l-iżbalji relatati.

Ibbażat fuq tranżazzjonijiet fi ħdan il-kampjuni tagħna, dan kellu l-potenzjal li jnaqqas il-livelli ta' żball stmati kemm għal infiq taħt ġestjoni kondiviża kif ukoll għal infiq immaniġġjat direttament mill-Kummissjoni. Pereżempju, l-użu tal-informazzjoni kollha disponibbli forsi seta' jnaqqas il-livell ta' żball bi 3.3 punti perċentwali kemm għall-infiq taħt il-politika reġjonali u urbana (6.1 %) kif ukoll għall-infiq taħt *żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd* (6.2 %) — ara l-paġni 34 sa 38. F'*kompetittività għat-**tkabbir** u l-impjiegi*, immaniġġjat direttament mill-Kummissjoni, il-livell ta' żball stmat (5.6 %) forsi seta' jitnaqqas bi 2.8 punti perċentwali — ara l-paġni 27 sa 29.



## Lok għal aktar titjib fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-riskju u l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi

Kull direttorat ġenerali tal-Kummissjoni jipproduċi rapport annwali tal-attività. Ir-rapport ta' sinthezi tal-Kummissjoni jinkorpora sommarju ta' din l-informazzjoni u dikjarazzjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni tiegħu r-responsabbiltà politika kumplessiva għall-ġestjoni tagħha tal-baġit tal-UE.

Aħna sibna li l-informazzjoni fir-rapport ta' sinthezi għall-2014 hija aħjar milli fis-snin preċedenti. Il-kontijiet issa juru liema korrezzjonijiet kienu diġà saru qabel ma l-pagamenti ġew irreġistrati. Madankollu, hemm lok biex tingħata aktar informazzjoni u biex jiġu żgurati valutazzjoni u preżentazzjoni konsistenti u preċiżi tar-riskju u l-impatt ta' azzjonijiet korrettivi.



*Trid tkun taf aktar? Informazzjoni kompluta dwar is-sejbiet prinċipali tinstab fil-Kapitolu 1, "Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn" tar-Rapport Annwali 2014 dwar il-baġit tal-UE.*

*It-test sħiħ tar-rapport annwali tagħna jinstab fuq is-sit web tagħna: (<http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AR2014.aspx>)*

## Livell għoli ta' klejms u pagamenti potenzjali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013

Il-baġit għall-pagamenti fl-2014 kien it-tieni ogħla li qatt kien. Bħal fl-2013, il-livell finali ta' pagamenti (EUR 142.5 biljun) kien bejn wieħed u ieħor 5 % ogħla mill-previżjoni inizjali fil-QFP (EUR 135.9 biljun). Dan twettaq permezz ta' seba' baġits emendatorji u kien jinkludi l-attivazzjoni tal-“marġni ta' kontinġenza” — strument tal-aħħar rimedju b'reazzjoni għal ċirkustanzi mhux previsti.

Ir-“riżultat ekonomiku” għall-2014 kien defiċit: l-obbligazzjonijiet kibru aktar malajr mill-assi.

Il-livell ta' impenji fl-2014 kien ferm fi ħdan il-limitu kumplessiv (76.6 % tal-ammont disponibbli). Dan kien jirrifletti l-livell ta' progress fl-approvazzjoni ta' programmi ġodda mill-Kummissjoni fl-ewwel sena tal-QFP 2014–2020.

### X'inhuma impenji u pagamenti?

Il-baġit tal-UE għandu żewġ komponenti: impenji (li jirrappreżentaw ammonti li għandhom jitħallsu fis-snin attwali jew futuri) u pagamenti (li jkopru pagamenti ta' fondi fis-sena attwali). Pagamenti jistgħu jsiru biss jekk ikun hemm impenn validu. Il-limiti massimi annwali għal impenji u pagamenti huma stabbiliti fl-oqfsa finanzjarji pluriennali maqbula mill-Kunsill u mill-Parlament.

Xogħlijiet b'lura fl-assorbiment ta' fondi pluriennali huma sinifikanti, u jistgħu jkunu ta' sfida sinifikanti għal xi Stati Membri.

### Aħna nirrakkomandaw li, fil-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tagħha, il-Kummissjoni tqis ir-restrizzjonijiet ta' kapaċità f'ċerti Stati Membri.

L-impenji akkumulati tal-baġit fuq infiq ta' natura pluriennali li ħadhom pendenti jibqgħu f'livell għoli ħafna. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-impenji huma relatati mal-QFP preċedenti li jkopri l-2007–2013. Aħna sibna wkoll bilanċi eċċessivi tal-flus fl-istrumenti finanzjarji.

### Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tqis miżuri għat-tnaqqis tal-impenji pendenti, inkluż għeluq aktar rapidu tal-programmi 2007–2013 u tnaqqis fil-flus kontanti miżmuma minn fiduċjarji. Aħna nirrakkomandaw ukoll li tiġi adottata perspettiva fuq perjodu aktar fit-tul, inklużi previżjonijiet li jkopru limiti baġitarji massimi, ħtiġijiet ta' pagament, restrizzjonijiet ta' kapaċità u diżimpenji potenzjali.

## Ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni għadu dgħajjef

Flus l-UE għandhom jintnefqu f'konformità mal-**prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba**: ekonomija, effiċjenza u effettività. Il-kisba ta' prestazzjoni tajba tinvolvi l-inputs (il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm), l-outputs (ir-riżultati tanġibbli tal-programm), ir-riżultati (l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti) u l-impatti (il-bidliet fuq perjodu twil fis-soċjetà li jistgħu jkunu attribwiti, għall-anqas parzjalment, lill-azzjoni tal-UE). Aħna nivvalutaw b'mod regolari dawn l-attributi permezz tal-awditi tal-prestazzjoni tagħna.

Ewropa 2020 hija l-istrategġija fuq 10 snin, tal-UE, għall-impjegi u t-tkabbir. Hija tipprovdi fokus għall-infiq kemm tal-UE kif ukoll dak nazzjonali. L-istrategġija tnedet fl-2010 biex toħloq kundizzjonijiet għal "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv".

## Qafas ta' sfida għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar Ewropa 2020

Taħt l-aspirazzjonijiet politiċi ta' Ewropa 2020, hemm **arkitettura kumplessa** li tinkludi 5 miri ewlenin, 7 inizjattivi emblematiċi u, għall-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE), 11-il objettiv tematiku. Madankollu, aħna sibna li dawn id-diversi saffi, la individwalment u lanqas kollha flimkien, ma huma mfassla biex jikkonkretizzaw l-aspirazzjonijiet politiċi ta' Ewropa 2020 f'objettivi operazzjonali utli.

Il-perjodi tal-istrategġija Ewropa 2020 fuq 10 snin u ċ-ċiklu baġitarju tal-UE fuq 7 snin, magħruf bħala l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) **mhumieq allinjati**. Il-qafas ta' monitoraġġ u rappurtar li fuqu huwa bbażat il-QFP inġiebb konformi ma' Ewropa 2020 mill-perjodu tal-QFP 2014–2020 biss. Għalhekk, l-ewwel nofs tal-implimentazzjoni tal-Ewropa 2020 seħħ taħt QFP imfassal għal strategġija differenti. Dan jillimita l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għal Ewropa 2020 matul il-perjodu tal-QFP 2007–2013.

Aħna sibna wkoll li, sa issa, il-Kummissjoni rrappurtat dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-objettivi ta' Ewropa 2020 b'mod limitat biss. Ġew stabbiliti xi elementi ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ u rappurtar. Il-fergħa tal-istatistika tal-Kummissjoni, il-Eurostat, tagħmel disponibbli *data* statistika dwar l-ilfuq mill-UE u minn Stati Membri individwali tal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020. Madankollu, l-analiżi ta' Ewropa 2020 mill-Kummissjoni ġiet ittardjata sal-bidu tal-2016. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar Ewropa 2020 ma jipprovdu l-ebda feedback dwar ir-rwol tal-programmi tal-UE għal Ewropa 2020.

**Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tagħmel proposti xierqa lil-leġiżlatur biex l-istrategġija tal-UE u l-QFP jiġu allinjati aħjar. Dan ikun jgħin biex jiġi żgurat l-istabbiliment ta' arranġamenti adegwati u effettivi ta' monitoraġġ u rappurtar għal strategġiji futuri tal-UE.**

## Fokus inadegwat fuq il-kisbiet ta' Ewropa 2020 fi ftehimiet ta' sħubija u programmi

Il-benefiċċji potenzjali tal-kombinament tal-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) ma mmaterjalizzawx għalkollox. L-użu tajjeb tal-fondi SIE huwa ċentrali għall-isforzi tal-UE biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' Ewropa 2020. Il-kombinament tal-ħames fondi SIE f'regolament umbrella wieħed u fi ftehim ta' sħubija wieħed għal kull Stat Membru joffri vantaġġi potenzjali f'termini tal-koerenza tal-azzjoni tal-UE. Madankollu, se jibqgħu japplikaw regoli differenti fil-livell tal-fondi u, b'riżultat ta' dan, fil-livell tal-programmi.

### X'inhuma ftehimiet ta' sħubija u programmi?

**Ftehimiet ta' sħubija** bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru jinsabu fil-qalba tal-qafas tal-fondi SIE. Huma jiddeskrivu fil-qosor il-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' kull pajjiż u, għal kull wieħed mill-fondi SIE, jistipulaw sommarju tar-riżultati prinċipali mistennija għal kull oġġettiv tematiku magħżul. Fuq il-bażi ta' dawn il-ftehimiet, l-Istati Membri jistabbilixxu **programmi** għal kull fond (jew għal bosta fondi) fejn jistipulaw il-prijoritajiet għall-pajjiż jew għar-reġjun ikkonċernat.



Il-fokus fuq ir-riżultati għandu jitjieb aktar, b'mod partikolari fil-ftehimiet ta' sħubija. Għalkemm sar xi progress, jeħtieġ li l-fokus fuq ir-riżultati jissaħħaħ. F'xi wħud mill-ftehimiet ta' sħubija eżaminati, ir-riżultati mistennija kienu vagi u spiss espressi f'termini kwalitattivi, mingħajr ma għie ddikjarat il-kobor tal-bidla. **Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tipproponi lil-leġiżlatur li l-Istati Membri jinkludu fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi tagħhom ir-riżultati kkwantifikati li l-finanzjament huwa intenzjonat li jikseb.**

Se jkun diffiċli għall-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta b'mod konsistenti dwar l-oġettivi tematiċi għall-ħames fondi SIE kollha u b'hekk dwar il-kontribuzzjoni ta' dawn il-fondi għal Ewropa 2020. Il-miri ta' livell għoli ta' Ewropa 2020 mhumiex ikkonkretizzati sistematikament f'miri operazzjonali fi ftehimiet ta' sħubija u programmi. Fil-każ ta' żewġ fondi SIE (FAEŻR u FEMS), il-leġiżlazzjoni ma tirrikjedix li dawn ikunu strutturati madwar oġettivi tematiċi. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' indikaturi komuni għal kull fond hija pass importanti iżda hemm limitazzjonijiet fit-tfassil li se jkollhom effett indirett fuq il-kwalità ta' rappurtar mill-Kummissjoni. **Aħna nirrakkomandaw li l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi kollha jkunu jinkludu indikaturi komuni tar-riżultati, fejn possibbli kondiviżi mill-fondi differenti, u jkunu mfassla biex jimmonitorjaw il-progress fil-livelli lokali, il-livell tal-Istati Membri u l-livell tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti lil-leġiżlatur biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet.**

*Il-prestazzjoni fqira f'termini ta' riżultati miksuba ma tipprevenix lill-Istati Membri milli jibbenifikaw mir-riżerva ta' prestazzjoni. Ir-riżerva ta' prestazzjoni għandha tkun l-inċentiv prinċipali għall-Istati Membri biex dawn ikomplu jiffukaw fuq il-prestazzjoni ladarba l-programmi jkunu bdew. Proporzjon żgħir tal-finanzjament mill-UE fil-livell tal-programmi jista' jinżamm lura u jsir biss disponibbli jekk jintlaħqu ċerti miri. Madankollu, fl-arranġamenti hemm difetti li jdgħajfu l-qafas ta' prestazzjoni f'dak li huwa relatat ma' indikaturi, inċentivi u fokus fuq ir-riżultati. **Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tipproponi lil-leġiżlatur li l-qafas ta' prestazzjoni jkun ibbażat, kemm jista' jkun, fuq indikaturi komuni tar-riżultati.***



## Jeħtieġ li l-objettivi jkunu adattati aktar għal kultura tal-prestazzjoni

Sar titjib fir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni minn direttorati ġenerali individwali tal-Kummissjoni (DG). Dan jista' jiġi nnutat fil-gwida ċentrali pprovduta għat-tnejjja ta' dikjarazzjonijiet ta' programm, il-pjanijiet ta' ġestjoni u rapporti annwali tal-attività.

Madankollu, ir-rappurtar mhuwiex adattat għalkollox għat-tranżizzjoni mill-QFP I-antik għal dak ġdid. Spiss ma jkunx possibbli li jiġi identifikat liema objettivi u miri nżammu jew ġew aġġornati mill-QFP I-antik u liema li ma tkomplewx. Fin-nuqqas ta' informazzjoni kumparabbli hemm riskju li m jkunx possibbli jiġi vvalutat jekk l-objettivi u l-miri preċedenti ntlaħqux.

## Fokus dgħajjed fuq ir-riżultati u l-aħjar valur għall-flus

L-24 rapport speċjali li ppubblikajna fl-2014 ikopru firxa wiesgħa ta' suġġetti tal-awditjar tal-prestazzjoni li jivalutaw jekk l-intervent tal-UE kienx immaniġġjat skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (ekonomija, effiċjenza u effettività). Aħna vvalutajna dawn ir-rapporti biex niġbdu l-attenzjoni għal jekk, fl-oqsma eżaminati, kienx hemm fokus fuq ir-riżultati u jekk intgħażlux il-proġetti li x'aktarx iwasslu valur għall-flus. Dawn li ġejjin huma xi eżempji.

### **Eżempji: Fokus dgħajjed fuq ir-riżultati**

Fl-awditu tagħna tal-EuropeAid, ikkonkludejna li s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbiliti ma pprovdewx informazzjoni adegwata dwar ir-riżultati miksuba (Rapport Speċjali Nru 18/2014). B'mod simili, fir-rapport tagħna dwar il-Fond għall-Frontieri Esterni, sibna li l-awtoritajiet responsabbli ma mmonitorjawx il-ksib tar-riżultati jew immonitarjawh b'mod insuffiċjenti (Rapport Speċjali Nru 15/2014).

### **Eżempju: Mhux dejjem intgħażlu l-proġetti li x'aktarx iwasslu l-aħjar valur għall-flus**

Instab li kien hemm għażla fqira tal-proġetti fl-awditu tagħna tal-infrastruttura tal-ajruporti ffinanzjati mill-UE. Il-ħtieġa għal investimenti bħal dawn setgħet tiġi ddimostrata biss għal madwar nofs il-proġetti eżaminati. Barra minn hekk, madwar terz tal-ajruporti ma kinux irendu profitt u kienu qed jirriskjaw li jingħalqu jekk ma jkollhomx appoġġ finanzjarju pubbliku kontinwu (Rapport Speċjali Nru 21/2014).

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn id-dħul u l-oqsma ta' nfiq

24



## ***Nota dwar it-tismija tal-Istati Membri f'eżempji:***

Minħabba l-approċċ tagħna ta' kampjunar aħna ma nawditjawx tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. L-eżempji ta' żbalji mogħtija f'dan id-dokument huma pprovduti sabiex jintwerew it-tipi l-aktar frekwenti ta' żball. Huma ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri individwali, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni kkonċernati.

## Ħarsa aktar mill-qrib lejn id-dħul u l-oqsma ta' nfiq



### Dħul

EUR 143.9 biljun

### X'awditjajna

L-awditu kopra d-dħul tal-UE, li permezz tiegħu hija tiffinanzja l-baġit tagħha. Fl-2014, il-kontribuzzjonijiet għad-dħul ikkalkulati abbażi tal-ING tal-Istati Membri u l-VAT miġbura minnhom ipprovdew 66 % u 12 % tat-total rispettivament. Riżorsi proprji tradizzjonali, prinċipalment dazji doganali miġbura fuq l-importazzjonijiet u t-taxxa fuq il-produzzjoni taz-zokkor miġbura minn amministrazzjonijiet tal-Istati Membri f'isem l-UE, ipprovdew 12 % tad-dħul, filwaqt li l-10 % li kien jifdal ġie minn sorsi oħra.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

**Le**

Livell ta' żball stmat:

**0.0 %** (2013: 0.0 %)

### L-awditu tagħna tad-dħul tal-UE

Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-ING u fuq il-VAT huwa kkalkulat abbażi ta' statistika makroekonomika u stimi pprovduti mill-Istati Membri. L-awditu tagħna tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jkopri s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tad-*data* li hija tirċievi iżda mhux il-ġenerazzjoni inizjali mill-awtoritajiet fl-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, il-konklużjoni tal-awditjar tagħna tindirizza l-impatt ta' kwalunkwe żball mill-Kummissjoni fuq id-dħul kumplessiv.

Għal dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor, aħna neżaminaw it-trattament mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri u l-kontrolli fi Stati Membri magħżula, l-irċevuti tal-ammonti mill-Kummissjoni u r-reġistrazzjoni tagħhom fil-kontijiet.

L-evidenza kumplessiva tagħna għall-awditjar tindika li dawn is-sistemi kienu kumplessivament effettivi u aħna ma sibna l-ebda żball fit-tranżazzjonijiet li ttestjajna.

Aħna niġbdu l-attenzjoni għall-**aġġornamenti tad-*data* dwar l-ING** fl-2014 li wasslu għal aġġustamenti ta' kobar bla preċedent fil-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw ir-riżervi u dawk li jirrevedu l-metodi u s-sorsi tal-Istati Membri.

Riżerva hija mezz li permezz tiegħu element dubjuż fid-*data* dwar l-ING ippreżentata minn Stat Membru jinżamm miftuħ biex possibbilment jiġi kkoreġut. Iċ-**ċikli tal-verifikazzjoni** tal-Kummissjoni għall-ING ikopru perjodu twil. Il-korrezzjonijiet li jirriżultaw jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kontribuzzjonijiet minn xi Stati Membri

B'mod parallel, aħna identifikkawna l-ħtieġa li l-Kummissjoni **tnaqqas l-impatt ta' reviżjonijiet kbar** imwettqa mill-Istati Membri fuq il-metodi u s-sorsi li jużaw għall-kompilazzjoni tal-ING tagħhom. Pereżempju, Ċipru u n-Netherlands it-tnejn li huma esperjenzaw żidiet sinifikanti fil-kontribuzzjonijiet tagħhom minħabba reviżjonijiet bħal dawn. Il-proposti mressqa mill-Kummissjoni fl-2013 għall-immaniġġjar ta' dan ir-riskju għadhom pendenti mingħajr ma ttieħdet l-ebda azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni biex tintroduċi politika ta' reviżjoni komuni għall-UE.

Fir-rigward tad-**dazji doganali**, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu kontrolli biex jivverifikaw jekk ir-regolamenti dwar it-tariffi u l-importazzjoni jiġux rispettati mill-importaturi. Bħal fis-snin preċedenti, aħna sibna li l-kwalità ta' dawn il-kontrolli kienu jvarjaw fost l-Istati Membri li awditjajna. Aħna osservajna wkoll li l-verżjoni aġġornata tal-Gwida għall-Awditjar Doganali, maħruġa mill-Kummissjoni fl-2014, ma tkoprix xi wħud min-nuqqasijiet li identifikkawna fiż-żjarat tagħna lill-Istati Membri, bħal kwistjonijiet relatati ma' kif għandhom jiġu ttrattati l-importazzjonijiet approvati fi Stati Membri oħra.

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tieħu miżuri biex tnaqqas l-għadd ta' snin li jkunu koperti minn riżervi fi tmiem iċ-ċiklu tal-verifikazzjoni li jmiss għal kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING;
- tistabbilixxi arranġamenti biex tnaqqas l-impatt ta' reviżjonijiet tal-metodi u s-sorsi ppreżentati mill-Istati Membri għall-kompilazzjoni tal-ING tagħhom;
- ittejjeb il-gwida mogħtija lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għall-kontrolli li jagħmlu; u
- tiżgura li l-Istati Membri jkollhom stabbiliti sistemi xierqa għat-tnejn u l-immaniġġjar tad-dikjarazzjonijiet tagħhom fir-rigward tad-dazji doganali u tal-imposti fuq iz-zokkor.





## Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi

EUR 13.0 biljun

### X'awditjajna

L-oġġettivi ta' dan l-infiq jinkludu t-titjib tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-tiġħ tas-sistemi edukattivi u l-promozzjoni tal-impjeg, l-iżgurar ta' suq uniku diġitali, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, l-im-modernizzar tas-settur tat-trasport u t-titjib tal-ambjent tan-negozju, speċjalment għall-intrapriżi żgħira u medji (SMEs).

Ir-riċerka u l-innovazzjoni jirrappreżenta madwar 60 % tal-infiq. In-nefqa ssir permezz tas-**Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp 2007–2013 (FP7) u Orizzont 2020** — il-programm qafas il-ġdid li jkopri l-perjodu 2014–2020. Strumenti oħra kbar ta' nfiq jappoġġaw l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport (il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja — LLP — u Erasmus+); l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport (il-Programm tan-**Networks Trans-Ewropej tat-Trasport** — TEN-T u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — CEF); proġetti fis-settur tal-enerġija (il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru — EEPR); u l-programm Galileo għas-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita.

Kważi 90 % tal-infiq huwa f'forma ta' għotjiet lil benefiċjarji privati u pubbliċi, u l-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż għal proġetti.

### X'sibna



Milqut minn żball materjali?

**Iva**



Livell ta' żball stmat<sup>1</sup>:

**5.6 %** (2013: 4.0 %)

<sup>1</sup> Livelli ekwivalenti ta' żball stmati għall-2013 biex jirriflettu l-intestaturi l-ġodda tal-QFP.

Fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, aħna sibna l-istess tip u firxa ta' żbalji li qbadna matul l-andament tal-awditu tagħna tal-FP7: spejjeż għall-persunal ikkalkulati b'mod skorrett; spejjeż diretti ineliġibbli oħra bħal spejjeż mhux sostanzjati għall-ivvjaġġar jew għat-tagħmir; kif ukoll spejjeż indiretti ineliġibbli bbażati fuq rati żbaljati ta' spejjeż ġenerali jew li jinkludu kategoriji ta' spejjeż mhux marbuta mal-proġett.

### **Eżempju: Żbalji sinifikanti fl-ispejjeż għar-riċerka u l-innovazzjoni ddikjarati minn SME għal rimborż taħt l-FP7**

Aħna sibna li EUR 764 000 tal-ispejjeż iddikjarati minn SME li taħdem ma' 16-il sieħeb fuq proġett għall-enerġija rinnovabbli ffinanzjat permezz tal-FP7 kienu kważi kollha kemm huma ineliġibbli. Sid l-SME kien iddebita rata fis-siegħa ferm ogħla minn dik stabbilita fil-linji gwida tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, aħna identifikajna spejjeż ta' subkuntrattar li la kienu komponent eliġibbli tal-ispejjeż u lanqas ma ġew akkwistati permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti. L-ispejjeż indiretti ddikjarati kienu jinkludu wkoll entrati ineliġibbli, li kienu bbażati fuq stimi u ma setgħux jiġu rikonċiljati mar-rekords kontabilistiċi tal-benefiċjarju.

Orizzont 2020 għandu regoli ta' finanzjament aktar sempliċi mill-FP7 u l-Kummissjoni investiet sforz konsiderevoli biex tnaqqas il-kumplessità amministrattiva. Madankollu, xi elementi fil-programm qafas il-ġdid fil-fatt iżidu r-riskju ta' żball. Pereżempju, bil-għan li jappoġġa riċerka u innovazzjoni aħjar u li jiġġenera tkabbir u impjegi, Orizzont 2020 huwa mfassal biex iżid il-parteċipazzjoni ta' SMEs u parteċipanti ġodda, iżda dawn it-tipi ta' parteċipanti huma speċjalment suxxettibbli għal żball. Orizzont 2020 jintroduċi wkoll kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà f'ċerti każijiet (pereżempju fejn ir-riċerkaturi jirċievu rimunerazzjoni addizzjonali jew fejn il-parteċipanti jagħmlu użu minn infrastruttura kbira tar-riċerka).

Aħna qbadna wkoll żbalji fi spejjeż rimborżati fl-istrumenti l-oħra kbar ta' nfiq. Dawn jinkludu spejjeż mhux sostanzjati u ineliġibbli, kif ukoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.

### **Eżempji: Żbalji fi spejjeż rimborżati fi programmi oħra**

#### **TEN-T**

Fi proġett wieħed, il-benefiċjarju ta kuntratt għas-servizzi ta' konsulenza tal-IT direttament mingħajr ma segwa l-proċedura internazzjonali miftuħa rikjesta. Fi proġett ieħor, il-benefiċjarju ddikjara b'mod skorrett bħala nfiq eliġibbli saldu legali milħuq ma' subkuntrattur b'rabta ma' ksur ta' kuntratt.

#### **EEPR**

Kien hemm benefiċjarju li inkluda spejjeż mhux statutorji ineliġibbli (bonusijiet ibbażati fuq il-profitt tal-kumpanija) fil-kalkolu tiegħu tal-ispejjeż għall-persunal u għamel ukoll klejms għal spejjeż indiretti mhux marbuta mal-proġett.

Aħna sibna dgħufijiet fis-sistemi tal-Kummissjoni u inkonsistenzi fil-valutazzjonijiet tal-ammonti f'riskju u tar-rati ta' żball li saru mid-direttorati ġenerali.

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- o flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u l-awdituri indipendenti, tuża l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli biex tipprevieni, jew biex taqbad u tikkoreġi l-iżbalji qabel ir-rimborż;
- o tiżviluppa strateġija xierqa ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju għal Orizzont 2020, ibbażat fuq l-esperjenza tagħha taħt l-FP7. Din għandha tinkludi kontrolli adegwati ta' beneficijarji b'riskju għoli u ta' spejjeż iddikjarati taħt kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà; u
- o tiżgura li s-servizzi tagħha jadottaw approċċ konsistenti għall-kalkolu ta' rati medji ponderati ta' żball, u għall-valutazzjoni riżultanti tal-ammonti f'riskju.



*Trid tkun taf aktar? Informazzjoni kompluta dwar l-awditu tagħna tal-infiq tal-UE fuq kompetittività għat- tkabbir u l-impjiegi tinstab fil-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali 2014 dwar il-baġit tal-UE.*



## Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali EUR 55.7 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq jinkludi żewġ partijiet: il-politika reġjonali u urbana li tirrappreżenta 80 %; u *impjiegi u affarijiet soċjali* li tkopri l-20 % li jifdal:

- Il-politika reġjonali u urbana tal-UE tiġi implimentata fil-biċċa l-kbira permezz tal-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK)**. Il-FEŻR jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura, il-ħolqien jew il-preżervazzjoni ta' impjiegi, inizjattivi għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali u attivitajiet li jappoġġaw lil intrapriżi żgħar u medji. L-FK jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport.
- Il-politika ta' impjiegi u affarijiet soċjali hija ffinanzjata prinċipalment permezz tal-**Fond Soċjali Ewropew (FSE)**. L-infiq f'dan il-qasam ikopri investimenti f'kapital uman u azzjonijiet ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtejbju l-adattabbiltà ta' ħaddiema u intrapriżi għall-bidliet f'xejriet ta' xogħol, iżidu l-aċċess għall-impjiegi, jirrinforzaw l-inklużjoni soċjali ta' persuni żvantaġġati u jsaħħu l-kapaċità u l-effiċjenza ta' amministrazzjonijiet u servizzi pubbliċi.

Il-FEŻR, l-FK u l-FSE huma rregolati minn regoli komuni, suġġetti għal eċċezzjonijiet fir-regolament speċifiku ta' kull fond. Il-ġestjoni tan-nefqa hija kondiviża mal-Istati Membri u tinvolvi l-kofinanzjament ta' proġetti fi ħdan programmi ta' nfiq approvati. Ir-regoli ta' eliġibbiltà għar-rimborż ta' spejjeż huma stipulati fil-livell nazżjonali jew dak reġjonali u jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

Politika reġjonali u urbana:

**Iva**

Impjiegi u affarijiet soċjali:

**Iva**

Livell ta' żball stmat<sup>1</sup>:

**Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali b'mod kumplessiv:**

**5.7 %** (2013<sup>2</sup>: 5.9 %)

**Politika reġjonali u urbana:**

**6.1 %** (2013<sup>2</sup>: 7.0 %)

**Impjiegi u affarijiet soċjali:**

**3.7 %** (2013: 3.1 %)

Li jinkludi

1 Livelli ekwivalenti ta' żball stmati għall-2013 biex jirriflettu l-intestaturi l-ġodda tal-QFP.

2 Dawn iċ-ċifri għall-2013 jiġu kkalkulati abbażi tal-approċċ għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku applikabbli fi żmien l-awditu. Huma ma jirriflettux l-impatt li l-approċċ aġġornat għall-kwantifikazzjoni ta' dawn l-iżbalji kellu fuq il-livell ta' żball stmat.

**Is-sors prinċipali ta' żball** għall-infiq fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-intier tiegħu jkompli jkun il-ksur ta' regoli tal-akkwist pubbliku, li jirrappreżenta kważi nofs il-livell ta' żball stmat. Dan huwa segwit mill-inklużjoni ta' nfiq ineliġibbli fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-benefiċjarji, il-ksur ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-għażla ta' proġetti ineliġibbli. L-impatt tal-iżbalji jvarja bejn dawn iż-żewġ oqsma ta' nfiq.

Każijiet ta' nuqqas serju ta' konformità ma' regoli tal-akkwist pubbliku li aħna identifikkawna fix-xogħol tal-awditjar tagħna jinkludu, pereżempju, għoti dirett ta' kuntratti li ma jkunx ġustifikat, xogħlijiet jew servizzi addizzjonali, esklużjoni illegali ta' offerenti, kif ukoll każijiet ta' kunflitt ta' interess u kriterji tal-għażla diskriminatorji.

### ***Eżempju: Għoti dirett mhux ġustifikat ta' xogħlijiet pubbliċi***

Fi proġett f'Malta relatat mar-rikostruzzjoni u t-titjib ta' sezzjoni ta' awtostrada ta' netwerk ta' toroq TEN-T, l-awtorità kontraenti nneozjat kuntratt direttament ma' kumpanija waħda mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni. Dan mhuwiex konformi mar-regoli tal-akkwist tal-UE u dawk nazzjonali u n-nefqa ddikjarata għal dan il-kuntratt hija ineliġibbli. Kawża prinċipali oħra ta' żball hija l-infiq ineliġibbli. Dan huwa dovut, pereżempju, għal infiq iddikjarat barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, salarji ddebitati b'mod eċċessiv, id-dikjarazzjoni ta' spejjeż mhux relatati mal-proġett, nuqqas ta' konformità mar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà, jew dħul li ma jkunx tnaqqas mill-ispejjeż iddikjarati.

### ***Eżempju: Dikjarazzjoni skorretta ta' salarji***

Fi proġett fil-Portugall relatat ma' programm ta' taħriġ għaż-żgħażaġh, il-benefiċjarju ma kkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja dwar kif is-salarji tal-għalliema għandhom jiġu kkalkulati. Barra minn hekk, l-għalliema ma ħadmux sigħat daqs kemm ġie ddikjarat. Dan irriżulta fl-iddebitar b'mod eċċessiv ta' spejjeż għall-persunal.

Aħna nivverifikaw ukoll jekk ir-**regoli** tal-UE **dwar l-għajnuna mill-Istat** ġewx rispettati. Għajnuna illegali mill-Istat tirrappreżenta vantaġġ inġust għall-entitajiet benefiċjarji u b'hekk toħloq distorsjoni tas-suq intern. Żbalji relatati mal-ksur tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat irrappreżentaw madwar parti waħda minn ħamsa tal-livell ta' żball stmat għall-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP.



Għal proporzjon sinifikanti ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji kwantifikabbli, **l-awtoritajiet fl-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli** biex jipprevienu, jew biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jitolbu r-rimborż mill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji qabel ma l-infiq ġie ddikjarat lill-Kummissjoni, il-livell ta' żball stmat għall-infiq taħt Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kien ikun aktar baxx b'1,6 punti perċentwali. Barra minn hekk, sibna li għal għadd ta' każijiet, l-iżball li qbadna sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn ikkontribwew 1.7 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

Sa tmiem l-2013, ir-**rata medja ta' żborż lir-riċevituri finali** tal-istrumenti finanzjarji kienet 47 %. Dawn il-fondi jipprovdu assistenza lil intrapriżi jew lil proġetti urbani permezz ta' investimenti ta' ekwità, self jew garanziji. B'kollox, mill-2007 'l hawn, l-Istati Membri stabbilew 941 strument finanzjarju b'dotazzjoni ta' madwar EUR 14.3 biljun. F'April 2015, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu ta' eliġibbiltà għal dawn l-istrumenti permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni, minflok staqsi lill-Kunsill u lill-Parlament biex jemendaw id-data ta' skadenza speċifikata fir-Regolament relatat tal-Kunsill. Fil-fehma tagħna, dan il-mod li bih il-perjodu ta' eliġibbiltà jiġi estiż ma jirrispettax il-ġerarkija tan-normi.

Proġetti tal-FSE li l-ispejjeż tagħhom jiġu ddikjarati bl-użu ta' **għażliet simplifikati għall-ispejjeż** (pagamenti ta' ammont f'daqqa u pagamenti b'rata fissa, u skali standard ta' spiża unitarja) huma inqas suxxettibbli għal żball minn dawn li jużaw spejjeż reali.

Il-benefiċjarji jiddikjaraw l-infiq imħallas lill-awtoritajiet nazzjonali u għandhom jiġu rrimborżati "mill-aktar fis possibbli, u koll(ħa) kemm hu(ma)". Madankollu, aħna sibna li f'xi każijiet l-Istati Membri bnew riżervi tat-teżor u l-benefiċjarji tħallsu biss bosta xhur wara li d-dikjarazzjoni tal-infiq relatata tħallset mill-Kummissjoni, jew ma kienu ġew irrimborżati xejn fi żmien l-awditu.

Inġenerali, il-validazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar hija fil-biċċa l-kbira koerenti mal-evidenza pprovduta minn dawn l-awtoritajiet tal-awditjar. Madankollu, il-verifikazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapporti annwali ta' kontroll tista' tindirizza parzjalment biss ir-**riskji ta' rappurtar insuffiċjenti ta' żbalji u rappurtar eċċessiv ta' korrezzjonijiet finanzjarji** mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri. Inpartikolari, il-kontrolli fuq l-għajjnuna mill-Istat li twettqu mill-awtoritajiet tal-awditjar ma kinux adegwati għal kważi terz tal-programmi operazzjonali eżaminati.

Minbarra li ċċekkajna r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna vvalutajna jekk u sa fejn il-proġetti tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE li diġà kienu ġew ikkompletati sa tmiem l-2014 kienu laħqu l-oġettivi tagħhom kif stipulat fil-ftehimiet ta' għotja, u jekk dawn l-oġettivi kinux f'konformità mal-oġettivi speċifikati fil-livell tal-programmi. Aħna sibna li tliet kwarti tal-proġetti li eżaminajna kienu laħqu l-oġettivi tagħhom kompletment jew parzjalment. Kien fi tliet każijiet biss ma ntlaħaq l-ebda wieħed mill-oġettivi tal-proġetti. Aħna identifkajna wkoll xi każijiet ta' proġetti li kellhom oġettivi li ma kinux f'konformità ma' dawk speċifikati għall-programm operazzjonali u l-assi prijoritarju li l-proġett kien iffinanzjat taħtu.



Fl-aħħar nett, l-analiżi tagħna żvelat li arranġamenti ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-fatt li ma ntlaħqux l-oġġettivi tal-proġett li sar qbil dwarhom fil-ftehimiet ta' għotja ma kellux impatt fuq il-livell ta' finanzjament mill-UE li ġie riċevut.

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li:

- il-Kummissjoni twestaq analiżi ffukata tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007–2013 u 2014–2020 u tużaha biex ttiprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jissimplifikaw u jevitaw regoli kumplessi u/jew ta' piż li mhumiex meħtieġa;
- il-Kummissjoni ssaħħaħ aktar is-sistema ta' kontroll għall-awtoritajiet tal-awditjar, u tiżgura kontrolli adegwati tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u mar-regoli tal-akkwist pubbliku u li dawn jipprovdu l-informazzjoni speċifika dwar awditi tal-operazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta fl-Istati Membri kollha l-affidabbiltà tal-korrezzjonijiet finanzjarji rrapportati mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni;
- il-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda r-regolament applikabbli dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża;
- l-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedjarji fl-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw dgħufijiet fil-"kontrolli tal-ewwel livell". Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex fl-awditi tagħhom tas-sistemi jinkludu t-tweġiq mill-ġdid ta' xi wħud minn dawn il-kontrolli; u
- l-Istati Membri jestendu l-użu tal-għażliet simplifikati għall-ispejjeż għal proġetti li jaqsbu l-EUR 50 000 kif ukoll jiżguraw li r-rimborż lill-benefiċjarji jsir fi żmien 90 jum wara l-preżentazzjoni ta' klejm korrett għall-pagament mill-benefiċjarju.



*Trid tkun taf aktar? Informazzjoni kompluta dwar l-awditu tagħna tal-infiq tal-UE fuq koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tinstab fil-Kapitolu 6 tar-Rapport Annwali 2014 dwar il-baġit tal-UE.*



## Riżorsi naturali EUR 57.5 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq ikopri l-politika agrikola komuni (PAK), il-politika komuni tas-sajd (PKS) u miżuri ambjentali:

- Il-PAK għandha l-għan li żżid il-produttività agrikola, tiżgura livell ġust tal-għajxien għall-komunità agrikola, tistabbilizza s-swieq, tassigura d-disponibbiltà tal-provvisti u tiżgura li l-provvisti jaslu għand il-konsumatur bi prezzijiet raġonevoli. Hija tiġi implimentata permezz ta' żewġ fondi: il-**Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)**, li jiffinanzja bis-sħiħ l-għajjnuna diretta mill-UE u l-miżuri tas-suq, u l-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**, li jikkofinanzja programmi tal-iżvilupp rurali flimkien mal-Istati Membri. Il-ġestjoni tal-infiq tal-PAK hija kondiviża mal-Istati Membri. L-infiq taħt iż-żewġ fondi jitwassal permezz ta' madwar 80 aġenzija tal-pagamenti li huma responsabbli biex jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-għajjnuna u biex jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji.
- Il-PKS issegwi objettivi simili għal dawk tal-PAK u l-għodda prinċipali għall-implimentazzjoni hija l-**Fond Ewropew għas-Sajd (FES)**. Il-fond huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża.
- Il-politika tal-UE dwar l-ambjent għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħajja taċ-ċittadini, u l-utilizzazzjoni razzjonali tar-riżorsi naturali. In-nefqa f'dan il-qasam hija mmaniġġjata ċentralment mill-Kummissjoni. Il-**programm għall-ambjent (LIFE)** huwa l-aktar importanti. Huwa jikkofinanzja proġetti relatati man-natura, mal-bijodiversità, mal-politika ambjentali u mal-governanza, mal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?

Agrikoltura — appoġġ tas-suq u għajjnuna diretta:

**Iva**

Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd:

**Iva**

Livell ta' żball stmat<sup>1</sup>:

Riżorsi naturali b'mod kumplessiv:

**3.6 %** (2013: 4.4 %)

Agrikoltura — appoġġ tas-suq u għajjnuna diretta:

**2.9 %** (2013: 3.6 %)

Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd:

**6.2 %** (2013: 7.0 %)

Li jinkludi

<sup>1</sup> Livelli ekwivalenti ta' żball stmati għall-2013 biex jirriflettu l-intestaturi l-ġodda tal-QFP.

In-natura u x-xejra ta' żbalji jvarjaw sinifikattivament bejn il-FAEG u l-oqsma l-oħra ta' nfiq taħt riżorsi naturali.

## Agrikoltura — appoġġ tas-suq u għajjnuna diretta (FAEG)

Ħafna mill-iżbalji identifikati fl-awditi tagħna huma r-riżultat ta' klejms impreċiżi jew klejms ineliġibbli mill-benefiċjarji, u daww l-aktar frekwenti huma d-dikjarazzjoni eċċessiva tas-superfiċe ta' art agrikola jew tal-irqajja' art li hemm ineliġibbli (ara l-eżempji). Li jkun hemm database affidabbli u aġġornata tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) tista' tgħin biex żbalji bħal dawn jitnaqqsu.

### *Eżempji ta' klejms iddikjarati b'mod eċċessiv jew klejms ineliġibbli*

#### **Għajjnuna għal mergħat permanenti**

Fir-Repubblika Ċeka, fi Franza, fil-Greċja, fil-Polonja, fi Slovakkja u fi Spanja, xi art ikklejmjata u mħallsa bħala mergħa permanenti fil-verità kienet miksija kollha jew parzjalment b'veġetazzjoni ineliġibbli (arbux-xelli, buxxijiet, siġar densi u blat).

#### **Għajjnuna għar-raba'**

Fir-Repubblika Ċeka, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Polonja, fi Slovakkja, fi Spanja u fir-Renju Unit, aħna sibna każijiet ta' art ikklejmjata minn bdiewa benefiċjarji bħala raba' meta dan ma kienx il-każ. Fi Spanja, tħallset għajjnuna għal art li fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art għet ikklejmjata u rreġistrata bħala raba' u li, fir-realtà, kienet korsa tal-motocross.

F'bosta każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jew biex jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'0.6 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna qbadna għadd konsiderevoli ta' każijiet ta' żbalji li saru mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn ikkontribwew 0.7 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

Il-benefiċjarji tal-appoġġ dirett mill-FAEG u tal-appoġġ mill-FAEŻR relatat mal-erja għandhom obbligu legali li jissodisfaw **rekwiżiti ta' kundizzjonalità**. Dawn ir-reqwiżiti huma relatati mal-ħarsien tal-ambjent, mas-saħħa pubblika, mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti, mat-trattament xieraq tal-annimali u mal-manutenzjoni ta' art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Jekk il-bdiewa ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi l-għajjnuna tagħhom titnaqqas. Fl-ittestjar tagħna, aħna sibna ksur f'27 % tat-tranżazzjonijiet suġġetti għal obbligi ta' kundizzjonalità. L-iżbalji ta' kundizzjonalità kellhom impatt ta' 0.7 punti perċentwali fuq il-livell ta' żball stmat.

Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) hija s-sistema prinċipali ta' ġestjoni u kontroll għall-iżgurar tar-regolarità tal-pagamenti tal-FAEG. Għall-2014, aħna eżaminajna l-operat tas-SIAK fil-Kroazja u identifikajna biss deficijenzi żgħir li ma jaffettwawx l-affidabbiltà tas-sistema. Barra minn dan, aħna wettaqna analiżijiet fl-uffiċċju ta' 14-il awditu tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni fuq sistemi fl-Istati Membri u sibna li x-xogħol imwettaq kien sodisfaċenti. Ittieħdet ukoll azzjoni ta' rimedju dwar dgħufijiet fis-SIAK li aħna rrapportajna fis-snin preċedenti. Madankollu, din mhux dejjem saret fil-pront u, f'bosta każijiet, id-dgħufijiet ikomplu jippersistu, għalkemm inqas minn qabel.

Il-pagamenti taħt il-miżuri tas-suq jirrappreżentaw madwar 6 % tal-FAEG. Madankollu, huma jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat għal sehem akbar tal-livell kumplessiv ta' żball stmat għall-Fond.

Aħna kkompletajna wkoll l-eżaminar tagħna tal-**proċedura ta' rinforz tal-aċċertament** li hija applikabbli fuq bażi volontarja f'sitt Stati Membri jew reġjuni. F'dawn l-Istati Membri jew reġjuni, korp tal-awditjar indipendenti jipprovdi opinjoni dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistemi u dwar ir-regolarità tal-infiq iddikjarat lill-UE. Bl-eċċezzjoni ta' Stat Membru wieħed, id-dgħufijiet fl-implimentazzjoni ta' din il-proċedura jrendu l-livelli ta' żball li jirrapportaw, bħala mhux affidabbli.



## Żvilupp rurali, ambjent, azzjoni klimatika u sajd

Aħna sibna żbalji fit-18-il Stat Membru kollha li awditjajna. Ir-raġunijiet prinċipali għal żbalji f'dan il-qasam ta' nfiq kienu l-ineliġibbiltà tal-benefiċjarju, tal-attività, tal-proġett u/jew tal-infiq, jew in-nuqqas ta' konformità mal-impenji agroambjentali dwar l-użu ta' metodi ta' produzzjoni agrikola kompatibbli mal-protezzjoni tal-ambjent, il-pajsaġġ u r-riżorsi naturali.

### ***Eżempji ta' żbalji ta' eliġibbiltà***

Aħna sibna tliet każijiet fejn kien hemm suspett ta' ċirkumvenzjoni intenzjonata tar-regoli fl-iklejmjar għall-għajjnuna. Dawn il-każijiet ingħaddew lill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi għal analiżi u, possibbilment, għal investigazzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità ma nistgħux niddivulgaw dettalji speċifiċi ta' dawn il-każijiet iżda nistgħu niddeskrivu n-natura ġenerali ta' dawn l-iżbalji:

- Kumpaniji stabbiliti sew, li ma jkunux jikkwalifikaw għall-finanzjament, stabbilixxew entitajiet ġodda biex jissodisfaw artifiċjalment il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla.
- Gruppi ta' persuni stabbilixxew bosta entitajiet bl-iskop li jiksbu għajjnuna li taqbeż il-limitu massimu permess taħt il-kundizzjonijiet tal-miżura ta' investiment. Għalkemm il-benefiċjarji ddikjaraw li dawn l-entitajiet kienu jaħdmu b'mod indipendenti, dan ma kienx il-każ fil-prattika.

### ***Eżempji ta' nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali***

Aħna qbadna sitt każijiet bħal dawn fil-Ġermanja, fl-Italja u fir-Renju Unit. Pereżempju, fir-Renju Unit, benefiċjarju ma rrispettax l-impenn li kien għamel biex jagħlaq mergħa tal-ħuxlief biex ma jsirx riġhi qabel il-15 ta' Mejju ta' kull sena.

F'xi każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jew biex jaqbd u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, il-livell ta' żball stmat għal dan il-qasam ta' nfiq kien ikun aktar baxx bi 3.3 punti perċentwali. Barra minn hekk, aħna qbadna ftit każijiet ta' żbalji li saru mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn ikkontribwew 0.6 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

Aħna sibna dgħufijiet sinifikanti f'9 mit-12-il sistema tal-Istati Membri li ġew eżaminati. Għall-ħames aġenziji tal-pagamenti li żorna fuq il-post, id-dgħufijiet li sibna fis-sistemi kienu simili ħafna għal dawk identifikati u rrapportati fis-snin preċedenti.

Għall-2014, ibbażat fuq eżerċizzju pilota li wettaqna fuq xi kwistjonijiet ta' **prestazzjoni tal-proġetti**, aħna sibna li għal 93 % tal-proġetti tal-iżvilupp rurali kkompletati li eżaminajna, l-investiment kien twettaq kif ippjanat. Madankollu, l-immirar tal-appoġġ kif ukoll l-għażla tal-proġetti ma kinux daqshekk rigorużi daqskemm seta' jkun mistenni. Barra minn hekk, aħna osservajna li kien hemm evidenza insuffiċjenti li l-ispejjeż kienu raġonevoli.

Fil-każ tas-sajd, aħna vvalutajna l-effettività tal-kontrolli li saru mill-awtorità tal-awditjar fl-Italja u sibna li filwaqt li l-metodoloġija għal awditi tal-operazzjonijiet u tas-sistemi kienet effettiva, kien hemm dgħufijiet fil-ġestjoni u d-dokumentazzjoni ta' kompiti tal-awditjar u fil-verifikazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li:

- għall-FAEG, l-Istati Membri jagħmlu sforzi ulterjuri biex jinkludu informazzjoni affidabbli u aġġornata fid-database tal-LPIS tagħhom u biex jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli biex jiġu evitati pagamenti għal art ineliġibbli;
- għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni tieħu l-miżuri xierqa biex issaħħaħ il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri filwaqt li jindirizzaw il-każuni frekwenti ta' żball, u li tirrevedi l-istrateġija għall-awditi tagħha tal-konformità fir-rigward tal-iżvilupp rurali;
- kemm għall-FAEG kif ukoll għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni tiżgura li l-proċedura l-ġdida ta' aċċertament li se ssir obbligatorja mill-2015 tiġi applikata b'mod korrett u affidabbli; u
- fil-qasam tas-sajd, il-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jwettqu l-kompiti tagħhom b'aktar reqqa, b'mod partikolari permezz tal-kontrolli fuq il-post meħtieġa, bl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll tal-kwalità u bit-titjib tad-dokumentazzjoni tal-awditjar.





## Ewropa Globali EUR 7.4 biljun

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq ikopri n-nefqa fl-oqsma ta' politika barranija, appoġġ lil pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE, kif ukoll għajnuna għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u lil pajjiżi ġirien (bl-eċċezzjoni tal-Fondi Ewropej għall-iżvilupp).

In-nefqa titqassam f'madwar aktar minn 150 pajjiż, bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' strumenti ta' kooperazzjoni u metodi ta' twassil. L-infiq jiġi implimentat b'mod dirett mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, jew mill-kwartieri ġenerali tagħhom fi Brussell, inkella mid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi riċevituri, jew inkella b'mod konġunt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?  
**Iva**

Livell ta' żball stmat:<sup>1</sup>  
**2.7 %** (2013: 2.1 %)

<sup>1</sup> Livelli ekwivalenti ta' żball stmati għall-2013 biex jirriflettu l-intestaturi l-ġodda tal-QFP.

Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li aħna identifikkaw mill-awditjiet tagħna jinvolve **nfiq ineliġibbli** kklejmjat minn benefiċjarji finali, b'mod partikolari nfiq imġarrab barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, inklużjoni ta' taxxi ineliġibbli, nuqqas ta' konformità mar-regola tal-orġini u spejjeż indiretti ddebitati b'mod żbaljat bħala spejjeż diretti. Aħna sibna wkoll każijiet ta' benefiċjarji li kklejmjaw spejjeż mingħajr dokumentazzjoni ta' sostenn biex jiġġustifikaw l-infiq, każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist, kif ukoll żbalji fil-kalkolu.

Żbalji oħra li aħna sibna kienu relatati mal-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni ta' pagamenti mill-Kummissjoni għal servizzi, xogħlijiet jew provvisti li kienu għadhom ma ġġarrbux mill-benefiċjarju.

#### **Eżempju: Infiq mhux imġarrab**

Il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' kontribuzzjoni ta' EUR 6.5 miljun ma' bank tal-Karibew għall-istabbiliment ta' faċilità ta' kreditu rotanti għat-tħawwil mill-ġdid ta' zokkor tal-kannamieli fil-Belize. Fl-2014, il-Kummissjoni aċċettat infiq li ammonta għal EUR 2.3 miljun li minnhom EUR 740 000 kienu jirrappreżentaw selfiet lil bdiewa li kienu ġew approvati mill-bank iżda li ma kinux tħallsu f'dak iż-żmien. Dan wassal biex il-Kummissjoni tapprova ammont oġhla ta' prefinanzjament minn dak li kien ġustifikat.

L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet tal-EuropeAid, wieħed mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni li jimmaniġġja parti sinifikanti tal-infiq fuq Ewropa Globali, żvela li, f'xi każijiet, **l-iżbalji ma nqabdux**. In-nuqqasijiet f'dawn il-kontrolli, imwettqa *ex ante* minn awdituri maħtura mill-benefiċjarji, wasslu biex il-Kummissjoni tirrimborża spejjeż ineliġibbli.

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tistabbilixxi u timplimenta proċeduri ta' kontroll intern biex tiżgura li l-pagamenti ta' prefinanzjament jiġu approvati fuq il-bażi tal-infiq reali mġarrab; u
- issaħħaħ il-kontrolli *ex ante* għal kuntratti ta' għotja, inkluż l-użu ta' ppjanar ibbażat fuq ir-riskju u segwitu sistematiku u żjarat fuq il-post.





## Amministrazzjoni EUR 8.8 biljun

### X'awditjajna

L-amministrazzjoni tkopri l-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħra tal-UE. Dawn huma l-Kummissjoni, il-Parlament, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Hija tinkludi wkoll pagamenti għall-Iskejje Ewropej.

L-infiq fuq riżorsi umani (salarji, allowances u pensjonijiet), jirrappreżenta madwar 60 % tat-total. Nefqa fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjonijiet u teknoloġija tal-informatika tirrappreżenta l-bqija.

Ir-riżultati tal-awditu tagħna tal-aġenziji u korpi deċentralizzati oħra tal-Unjoni Ewropea jiġu rrapportati f'rapporti annwali speċifiċi, li huma ppubblikati separatament, flimkien ma' sommarju tar-riżultati.

### X'sibna

Milqut minn żball materjali?  
**Le**

Livell ta' żball stmat<sup>1</sup>:  
**0.5 %** (2013: 1.1 %)

<sup>1</sup> Livelli ekwivalenti ta' żball stmati għall-2013 biex jirriflettu l-intestaturi l-ġodda tal-QFP.

**B'mod kumplessiv, l-eżaminar tagħna tas-sistemi ma żvela l-ebda dgħufija sinifikanti.** Madankollu, aħna sibna xi oqsma fejn hemm lok għal titjib f'ċerti istituzzjonijiet u korpi. Dawn huma koperti fir-rakkomandazzjonijiet hawn taħt.

### X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li:

- il-Parlament Ewropew isaħħaħ il-kontrolli tiegħu fir-rigward tar-rimborż tal-ispejjeż mill-partiti politiċi Ewropej lill-organizzazzjonijiet affiljati tagħhom kif ukoll għall-akkwist pubbliku mill-partiti politiċi;
- il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jsaħħaħ il-proċeduri ta' akkwist tiegħu; u
- l-istituzzjonijiet u l-korpi jtejbu s-sistemi tagħhom għall-aġġornament ta' informazzjoni għall-kalkolu tal-al-lowances tal-familja.





## Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) EUR 3.1 biljun

### X'awditjajna

Il-FEŻ jipprovdu assistenza mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE). L-infiq u l-istrumenti ta' kooperazzjoni tal-FEŻ għandhom l-għan li jegħlbu l-faqar, u li jippromwovu żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni tal-pajjiżi AKP u l-PTEE fl-ekonomija dinjija.

Il-FEŻ huma ffinanzjati mill-Istati Membri. Huma mmaniġġjati barra mill-qafas tal-baġit tal-UE mill-Kummissjoni Ewropea u, bħala xi assistenza, mill-Bank Ewropew tal-Investment. Kull FEŻ huwa rregolat mir-regolament finanzjarju tiegħu stess. L-għajnuna esterna ffinanzjata mill-FEŻ tiġi implimentata f'ambjent b'riskju għoli, notevolment minħabba l-attivitajiet imxerrda ġeografikament u l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva dgħajfa f'pajjiżi msieħba.

### X'sibna

Affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ:

**Il-kontijiet għall-2014 jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u l-bidliet fl-assi netti.**

Id-dħul tal-FEŻ huwa milqut minn żball materjali?

**Le**

Il-pagamenti tal-FEŻ huma milquta minn żball materjali?

**Iva**

Livell ta' żball stmat:

**3.8 %** (2013: 3.4 %)

Bħal fis-snin preċedenti, il-livell ta' żball li sibna — inkluż f'xi klejms finali li kienu ġew suġġetti għal awditi esterni u verifikazzjonijiet ta' nfiq — jindika dgħufija fil-kontrolli *ex ante*. Żbalji relatati ma' **nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist** (ara l-eżempju) u n-**nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn għall-ġustifikazzjoni tal-infiq** kienu l-kawża ta' kważi żewġ terzi tal-livell ta' żball stmat.

### **Eżempju: Nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju li jikkonforma mar-regoli tal-akkwist**

Aħna eżaminajna l-akkwist ta' servizzi tal-IT minn organizzazzjoni inkarigata mill-kooperazzjoni agrikola bejn pajjiżi AKP. L-awditu żvela li l-benefiċjarju ma kienx ikkonforma mal-proċedura ta' akkwist stipulata fil-ftehim ta' għotja li kienet tirrikjedi li jiġi ppubblikat avviż dwar sejħa għal offerti fil-livell internazzjonali. Il-benefiċjarju bagħat biss stedinet għall-offerti lil tliet kumpaniji magħżula fil-pajjiż fejn kien jinsab hu, li rriżulta f'kompetizzjoni ristretta.

Il-EuropeAid huwa d-direttorat ġenerali tal-Kummissjoni li jimmaniġġja kważi l-infiq kollu taħt il-FEŻ. Bħalissa qed jimplementa pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet fis-sistemi tiegħu. Billi xi azzjonijiet għadhom qed jiġu żviluppati, għadu kmieni wisq biex nivvalutaw l-impatt ta' dawn l-iżviluppi fuq l-effettività tas-sistemi tiegħu.

## X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- issaħħaħ il-kontrolli fuq l-approvazzjoni ta' prefinanzjament u biex tiżgura l-użu korrett ta' rati tal-kambju mill-pajjiżi sħab biex jaqilbu l-iżborżamenti tal-appoġġ baġitarju għall-muniti nazzjonali tagħhom; u
- ittejjeb l-arranġamenti stabbiliti għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-kosteffettività tal-kontrolli.

## Daqqa t'għajn lejn l-approċċ tal-awditjar

L-opinjoni tal-QEA fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni huma bbażati fuq evidenza oġġettiva miksuba minn ittestjar tal-awditjar skont standards internazzjonali tal-awditjar. Dan li ġej huwa spjegazzjoni ta' kif nagħmlu xogħolna.

### Affidabbiltà tal-kontijiet

#### Il-kontijiet annwali tal-UE jipprovdu informazzjoni kompleta u preċiża?

Il-baġit tal-UE huwa kumpless. Kull sena, id-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni jinizjaw mijiet ta' eluf ta' entrati kontabilistiċi li jiġbru informazzjoni minn ħafna sorsi differenti (inklużi l-Istati Membri). Aħna niċċekkjaw li l-proċessi kontabilistiċi jaħdmu sew u li d-data kontabilistika riżultanti tkun kompleta, tkun irreġistrata b'mod korrett u tkun ippreżentata tajjeb.

- Evalwazzjoni tas-sistema kontabilistika biex jiġi żgurat li din tipprovdi bażi tajba għal *data* affidabbli (kompleta u preċiża).
- Verifikazzjoni ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin biex jiġi żgurat li dawk jiffunzjonaw b'mod korrett.
- Kontrolli analitiċi tad-*data* kontabilistika biex jiġi żgurat li din hija ppreżentata b'mod konsistenti u li tidher raġonevoli.
- Iċċekkjar dirett ta' kampjun ta' entrati kontabilistiċi biex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni ta' bażi teżisti u li din hija reġistrata b'mod preċiż.
- Iċċekkjar ta' rapporti finanzjarji biex jiġi żgurat li dawn jippreżentaw b'mod ġust is-sitwazzjoni finanzjarja.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

### It-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż<sup>1</sup> tal-UE li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE huma konformi mar-regoli li jirregolawhom?

Il-baġit tal-UE jinvolti miljuni ta' pagamenti lil beneficijarji kemm fl-UE kif ukoll fil-bqija tad-dinja. Il-biċċa l-kbira minn dan l-infiq hija mmaniġġjata mill-Istati Membri. Biex niksbu l-evidenza li neħtieġu, aħna nit-testjaw l-introjtu u l-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż direttament u nivvalutaw is-sistemi li permezz tagħhom huma jiġu amministrati u ċċekkjati.

- Kampjuni tat-tranżazzjonijiet jittieħdu mill-baġit kollu tal-UE bl-użu ta' tekniki tal-istatistika biex tiġi pprovduta bażi għal ittestjar dettaljat mill-awdituri tagħna.
- It-tranżazzjonijiet kampjunati jiġu awditjati fid-dettall, normalment fil-bini tar-riċevituri finali (eż. bidwi, istitut tar-riċerka, kumpanija li tipprova xogħlijiet jew servizzi permezz ta' akkwist pubbliku) biex tinkiseb evidenza diretta li l-avveniment ta' bażi "jeżisti", huwa rreġistrat sew u huwa konformi mar-regoli li taħthom isiru l-pagamenti kkonċernati.
- Żbalji jiġu analizzati u kklassifikati bħala li huma jew li mhumiex kwantifikabbli.
- L-impatt tal-iżbalji jiġi kkalkulat permezz tal-estrapolazzjoni ta' żbalji kwantifikabbli fil-forma ta' livell ta' żball stmat.
- Il-livell ta' żball stmat jitqabbel ma' soll ta' materjalità ta' 2 % biex tiġi determinata l-opinjoni tal-QEA.
- Is-sistemi għad-dħul jiġu vvalutati biex tiġi ddeterminata l-effettività tagħhom biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet li jimmaniġġjaw huma legali u regolari.
- Tittieħed inkunsiderazzjoni informazzjoni rilevanti oħra, bħal rapporti annwali tal-attività u rapporti ta' awdituri esterni oħra.
- Is-sejbiet kollha jiġu diskussi kemm mal-awtoritajiet fl-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-fatti huma korretti.
- Aħna nadottaw l-opinjoni tagħna bbażat fuq ix-xogħol li sar u r-riżultati miksuba.

<sup>1</sup> Pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż: pagamenti interim, pagamenti finali u approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem.

## Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u xogħolha

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri — QEA — hija l-istituzzjoni indipendenti tal-awditjar tal-Unjoni Ewropea. Aħna nin-sabu bbażati fil-Lussemburgu u nimpjegaw madwar 900 membru tal-persunal professjonali u persunal ta' appoġġ, tan-nazzjonalitajiet kollha tal-UE. Mill-ħolqien tagħna fl-1977 'l hawn, aħna ffukajna l-attenzjoni fuq l-importanza tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u kkontribwejna għat-titjib tagħha.

Ir-rapporti u l-opinjoni jiet tal-awditjar tal-QEA huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE. L-output tagħna jintuża biex daww responsabbli mill-ġestjoni tal-baġit tal-UE jkollhom l-obbligu ta' rendikont – notevolment fi ħdan il-proċedura ta' kwittanza annwali. Din hija prinċipalment il-Kummissjoni, iżda l-istituzzjoni-jiet u l-korpi l-oħra tal-UE huma kkonċernati wkoll. L-Istati Membri wkoll għandhom rwol importanti fil-ġestjoni kondiviża.

Il-kompiti prinċipali tagħna huma:

- awditi finanzjarji u tal-konformità, prinċipalment fil-forma tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni;
- awditi tal-prestazzjoni ta' suġġetti magħżula biex jiġi massimizzat l-impatt ta' xogħolna; u
- opinjoni jiet dwar regolamenti relatati mal-ġestjoni baġitarja u kwistjoni jiet oħra ta' importanza.

L-għan tagħna huwa li nimmaniġġjaw ir-riżorsi tagħna b'mod li jiżgura bilanċ xieraq bejn id-diversi attivitajiet tagħna, filwaqt li ngħinu fil-kisba ta' riżultati robusti u kopertura tajba tal-oqsma differenti kollha tal-baġit tal-UE.



### L-output tagħna

Aħna niproduċu:

- o **rapporti annwali** dwar il-baġit tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. Ir-rapporti annwali prinċipalment jinkludu l-opinjoni tal-awditur fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u r-riżultati. Dawn jiġu ppubblikati kull sena f'Novembru;
- o **rapporti annwali speċifiċi** li jstabilixxu l-opinjoni tal-awditur finanzjarju tal-QEA ta' kull waħda mid-diversi aġenziji u korpi tal-UE. Ġew ippubblikati 51 fl-2014;
- o **rapporti speċjali** dwar suġġetti magħżula tal-awditur, ippubblikati matul is-sena. Dawn huma prinċipalment awditi tal-prestazzjoni. Ġew ippubblikati 24 fl-2014;
- o **opinjonijiet** u outputs oħra użati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-approvazzjoni ta' liġijiet tal-UE u deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-ġestjoni finanzjarja. Ġew ippubblikati 14 fl-2014;
- o **analizżijiet panoramiċi** dwar oqsma magħżula ta' politika tal-UE u li janalizzaw sfidi usa' u xejriet fuq perjodu twil. Ġew ippubblikati tnejn fl-2014;
- o **rapport annwali tal-attività** li jipprovdi informazzjoni u fehim approfondit fir-rigward tal-attivitajiet tagħna għas-sena.

Xogħolna jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni u ż-żieda fit-trasparenza dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-UE, il-provediment ta' aċċertament dwar l-istat ta' dik il-ġestjoni u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib ulterjuri. Aħna nagħmlu dan fl-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

## Introduzzjoni u spjegazzjoni għar-Rapporti Annwali 2014 tal-awditur tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni indipendenti tal-awditjar tal-UE — gwardjani tal-finanzi tal-UE. Din il-pubblikazzjoni tipprovdi sommarju tas-sejbiet u l-konklużjonijiet prinċipali tar-Rapporti Annwali 2014 tal-QEA dwar il-baġit tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. Hija tkopri l-affidabilità tal-kontijiet, ir-regolarità tal-introjt u l-infiq u l-kisba ta' riżultati mill-baġit. It-testi sħaħ tar-rapporti huma disponibbli fuq <http://eca.europa.eu> u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet